**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 08/2023

1 ta' Gunju 2023

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Marco Agius – Sindku
Noyah Spiteri Hammett – Vici-Sindku
Martin Vella – Kunsillier
James Cauchi - Kunsillier
Melanie Agius - Kunsilliera
Rita Gatt - Kunsilliera

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Johann Scerri – Kunsillier

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Marco Agius ,Sindku,  ippresjeda il-laqgħa

### 08.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija

08.1.1 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi s-Sur Johann Scerri kien baghat korrispondenza li permezz taghha kien talab lill-Kunsill Lokali jiggustifika n-nuqqas tieghu ghal ragunijiet ta' xoghol. Kien hemm qbil bejn il-membri prezenti illi l-assenza tal-Kunsillier Scerri kellha tigi meqjusa bhala gustifikata.

### 08.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti

08.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 7/2023 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għaldaqstant gew meqjusa bħala moqrija.

08.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Melanie Agius issekondata mis-Sa. Rita Gatt  il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

08.2.3 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

**08.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

08.3.1 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill prezenti illi Cospicua Subbuteo Club kienu rebhu league tas-subbuteo u f'isem il-Kunsill Lokali ferah lill-imsemmi klabb ghall-unur miksub.

08.3.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill illi nhar l-4 ta' Mejju kienet inzammet konsultazzjoni pubblika rigward progett li Project Green kienet qieghda tahseb li timplimenta fi Triq il-Karmnu.

08.3.3 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill b'kaz li fih kien irraprezenta lill-Kunsill Lokali fil-qorti f'kawza li kienet infethet kontra Palumbo Shipyards.

08.3.4 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar l-10 ta' Mejju 2023 kellu laqgha mal-Ambaxxatur Ciniz ghal Malta li matulha kienet giet diskussa kollaborazzjoni bejn il-partijiet.

**8.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

8.4.1 Il-Kunsilliera Melanie Agius staqsiet : 'Huwa possibbli li jigu rrangati hofor li hemm fi Triq Hanover?'
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : 'Ser inkunu qieghdin naraw illi kemm il-darba ikun possibbli ix-xoghol isir'.

8.4.2 Il-Kunsilliera Melanie Agius staqsiet: 'Hemm problema ta' infestazzjoni ta' grieden fiz-zona ta' San Gwann t'Ghuxa z-zghira. Jista' jsir xi haga?'
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : 'Ser inkunu qieghdin ninfurmaw lill-awtoritajiet tas-sahha bil-ghan illi tittiehed azzjoni'.

8.4.3 Is-Sur James Cauchi aggorna lill-Kunsill Lokali bi progett li kien qieghed jigi implimentat b'konnessjoni ma' kampanja favur il-harsien tal-annimali.

8.4.4 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa: 'Jista' l-Kunsill Lokali jigi aggornat dwar defibrillator li kien hemm decizjoni li jinxtara?'
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : 'L-apparat inxtara u qieghdin isiru l-kordinamenti mehtiega, sabiex hekk kif deciz jigi installat fl-ghassa tal-pulizija ta' Bormla'.

8.4.5 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa: 'Jista' l-Kunsill Lokali jiehu azzjoni rigward playing field fi Pjazza Santa Margerita ghaliex hemm xi apparat illi jista' jkun ta' periklu ghat-tfal?'
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : 'Ser inkunu qieghdin naraw li jitnehha l-periklu. Fl-istess waqt ikun tajjeb li l-Kunsill Lokali jiddiskuti l-progett b'mod holistiku ghaliex il-playing field ghandha bzonn upgrade'.

8.4.6 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa:' Jista' l-Kunsill Lokali jigi aggornat rigward stop signs li saru fi Triq San Frangisk u li l-Kunsill Lokali talab illi jigu rrangati?'.
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb: 'Transport Malta li hija l-awtorita' responsabbli giet infurmata bil-hsibijiet tal-Kunsill Lokali. Sal-lum il-materja ghadha pendenti u ma inghatajniex risposta jekk l-istess Transport Malta hux se tilqa' t-talba mressqa.

8.4.7 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa : 'Jista' l-Kunsill Lokali jigi aggornat b'konnessjoni ma' tiswijiet li saru fi Triq San Gorg u re-instatement li ma sarx kif suppost?'.
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : ' Saret spezzjoni fuq il-post hekk kif sirna nafu bix-xogholijiet. Giet identifikata l-kumpanija li ghamlet ix-xogholijiet u intalbet spjegazzjoni. Hemm korrispondenza li ghadha ghaddejja'.

8.4.8 Is-Sa. Melanie Agius staqsiet : 'Jista' l-Kunsill Lokali jiehu hsieb qtugh ta' sigar fiz-zona ta' Triq San Gwann t'Ghuxa?.'
Is-Sindku wiegeb : ' Qieghed nikkordina ma' Project Green bil-ghan illi jsir ix-xoghol imsemmi'.

F'dan l-istadju il-Kunsillier Martin Vella halla s-seduta 18:30

**8.5 Approvazzjoni ta' skedi ta' hlasijiet**

8.5.1 Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru05/23) ghall-approvazzjoni.

8.5.2 Fuq proposta tas-Sur James Cauchi ssekondata mis-Sa. Melanie Agius, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

8.5.3 Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' petty cash mahrug waqt ix-xahar ta' April 2023.

8.5.4 Fuq proposta tas-Sa. Melanie Agius ssekondata mis-Sur James Cauchi, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK B).

**8.6 Grounds Peppi Delceppo**

8.6.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kien jinhtieg illi l-Kunsill Lokali jiddiskuti u jikkonkludi l-materja ta' mmaniggjar ta' grawnds Peppi Delceppo. Segwiet diskussjoni libera, li matulha il-Kunsill Lokali esplora diversi possibilitajiet

F'dan l-istadju dahal ghas-seduta il-Kunsillier Martin Vella (18:50).

Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jahtar working group li kellu jkun kompost mill-Kunsilliera kollha sabiex f'laqgha separata jiddiskuti u jikkonkludi l-materja in-kwistjoni.

**8.7 Sitwazzjoni dwar Contracts Manager**

8.7.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi galadarba kienet inghalqet il-kwistjoni ta' kunflitt ta' interess, l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet qieghda tahdem sabiex tohrog sejha ghall-offerti mill-gdid. Is-Sur Agius sahaq illi l-kriterji kienu ser ikunu dawk tas-sejha ghall-offerti precedenti.

8.7.2 Kien hemm qbil ukoll illi l-Kunsill Lokali kelli jiccekkja mal-avukat tal-Kunsill Lokali l-possibilita' illi jkun hemm irkupru ta' fondi li l-contracts manager thallas sakemm kien sospiz.

**8.8 Impjieg ta' skrivana fi skala 15**

8.8.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi kien jinhtieg illi jsir l-interview lill-uniku. Kandidata eligibbli sabiex jimtela' l-post battal.

**8.9 Rapporti**

8.9.1 Is-Sindku ressaq rapport dwar korrispondenza li kienet waslet u li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Il-Kunsill Lokali qabel illi kellu jinxtara apparat minghand l-orhos offerent bil-ghan illi jsir toilet gdid fil-binja amministrattiva tal-Kunsill Lokali.

- Kien hemm qbil illi kellu jinxtara dry food ghall-qtates bil-ghan illi jitqassam lill-feeders registrati mal-Kunsill Lokali. L-ikel kellu jinxtara minghand l-orhos stima fost dawk migbura.
- Gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jixtri floor box outlet minghand l-orhos fost l-offerti ricevuti bil-ghan illi tigi installata fis-sala tal-Kunsill Lokali.
- Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jaccetta l-orhos fost l-istimi migbura bil-ghan illi jsiru suffett f'kamra fi hdan il-binja amministrattiva tal-Kunsill Lokali u jehel madum fil-*boardroom*.
- Wara li gew mghoddija stimi li kienu ingabru, kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jixtri polo shorts u tee shirts ghall-impjegati tal-Kunsill Lokali ghal zmien is-sajf.
- Il-Kunsilliera qablu b'mod unanimu mad-disinn iffinalizzat ta' Gnien Kottoner hekk kif imhejji mill-Perit.
- Wara li inqrat korrispondenza li kien ircieva l-Kunsill Lokali, kien hemm qbil illi kellha titwahhal sigra kommemorattiva fi Triq it-8 ta' Dicembru b'konnessjoni ma' programm ta' attivitajiet fl-okkazjoni ta' 30 sena anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi b'konnessjoni mal-materja precedenti, kienet ser tinzamm attivita ta' ghoti ta' demm.
- Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera illi kellu jinxtara Macbook air ghall-amministrazzjoni minghand l-orhos fost l-istimi migbura.
- Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jiehu sehem fuq bazi regjonali ghall-iskema The World Cleanup Campaign.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'korrispondenza li kienet waslet b'konnessjoni ma' attivita' f'Dicembru 2023 fl-okkazjoni ta' New Year's Eve.
- Gie deciz illi u-channel li kien hemm fi Triq Iljun ma kelliex titnehha kif mitlub minn rapprezentanti tac-centru tas-sahha.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'korrispondenza li kienet waslet minghand l-avukat ta' Yama Yami Ltd. Liema korrispondenza kienet ser tigi mwiegba mill-avukat tal-Kunsill Lokali.

8.9.2 Is-Sindku pprezenta fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali kopja tar-rapport amministrattiv ghas-sena 2022 hekk kif imhejji mis-Segretarju Ezekuttiv u ghadda dettalji dwar il-kontenut tad-dokument.

**8.10 Aggornament tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

8.10.1 Is-seduta giet fi tmiemha fl-20:50p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghas-6 ta' Lulju 2023 fis-5:30 p.m.

Konfermati, illum 6 ta' Lulju, 2023

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| **Marco Agius** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |